MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 29/2010

**Vella Investments Limited**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà Vella Investments Limited fis-6 ta' Settembru 2010 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal jirrevoka *in toto* d-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f' Malta datata 30 ta' Awwissu 2010 stante li kull meta sari l-VRT test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CAG-648 is-socjetà qatt ma irriskontrat ebda tibdiliet li kienu jehtieg xi forma ta' bidla fil-klassifikazzjoni ta' l-istess vettura;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà Rikorrenti, stante li: (i) in linea preliminari l-Awtorità hija

maghrufa bhala l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u ghalhekk ghall-korrettezza, f'dawn il-proceduri isimha ghandu jinbidel minn Transport Malta ghal Awtorità ghat-Trasport f'Malta; (ii) it-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-decizjoni kontestata hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata; u (iii) il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CAG-648, minkejja li kienet registrata bhala truck, effettivament kienet giet konvertita ghal bowser ghall-bejgh ta' ptrolju. Din id-diskrepanza bejn kif hi registrata l-vettura u kif mibdula qatt ma giet innotata mis-socjetà Rikorrenti kif obbligata li taghmel skond il-Ligi;

Ra d-Digriet moghti fit-3 ta' Mejju 2011 li bih giet ordnata l-korrezzjoni f'isem l-Awtorità intimata fis-sens illi l-kliem "Transport Malta" kull fejn jidhru fil-proceduri, inkluz l-okkju tal-kawza, jigu kkancellati u minflok jitnizzlu l-kliem "Awtorità ghat-Trasport f'Malta";

Ra illi waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011 il-partijiet qablu l-provi li tressqu fil-kawza fl-ismijiet "Vella Investments Limited v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta" Rikors Nru. 25/10 jkunu jghoddu ghal dawn il-proceduri wkoll stante li l-mertu taz-zewg kawzi huwa identiku;

Sema' s-segwenti xhieda moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Vella Investments Limited v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta" Rikors Nru. 25/10: ix-xhieda ta' John Vassallo u ta' Noel Vella moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011, ix-xhieda ta' Lino Abela moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' Mejju 2012 u tas-26 ta' Novembru 2012 u id-dokumenti minnu esebiti u markati Dok. "LA1" sa' "LA13"[1], ix-xhieda ta' Clint Mansueto moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2012, u sema' x-xhieda ta' Lino Abela moghtija f'din il-kawza waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2012 u ra d-dokument minnu esebit u markat Dok. "LA1" a fol. 16 ta' dan il-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

---

[1] Dok. "LA1" sa' Dok. "LA6" a fol. 20 sa' 35 u Dok. "LA7" sa' Dok. "LA13" a fol. 46 sa' 53 tal-process relattiv ghall-kawza fl-ismijiet "Vella Investments Limited v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta" Rik. Nru. 25/10.

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B’ittra datata 2 ta’ Awwissu 2010[2] is-socjetà Rikorrenti giet infurmata mill-Awtorità intimata li *according to our records it transpires that the above referred vehicles* [vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni CAG-648] *had been VRT tested in your station as from 2004 up to 2009. Our records also show that no discrepancy Forms were issued to notify the Authority with the changes that has taken place with regards to the vehicle’s classification. Please be informed that according the Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 7 you are therefore being penalised the total points of 20 (Twenty) that are equivalent to €220.* B’ittra ohra datata 30 ta’ Awwissu 2010[3] is-socjetà Rikorrenti giet infurmata li *further to our letter dated 2nd August 2010, which is now being superseded by this letter[4], the Transport Malta has revised the history of VRT tests carried out by your station on vehicle CAG 648. According to our records it transpires that between the year 2003 and 2009, the above mentioned vehicle has undergone a total of 5 (five) VRT tests at your station. Our records also show that in each case no discrepancy Forms were issued by your station to notify the Authority with the changes that have taken place in the vehicle’s classification. In view of the above, and in terms of the relative provisions of the Motor Vehicles Roadworthiness Test Regulations (S.L. 65.15), please be informed that you have been imposed an Administrative Fine of €1,100 (one thousand, one hundred Euro) together with an equivalent total of 100 (one hundred) Penalty Points.*

B’dawn il-proceduri s-socjetà Rikorrenti tikkontesta d-Decizjoni ta’ l-Awtorità intimata tat-30 ta’ Awwissu 2010 in

---

[2] Id-Decizjoni ta’ l-Awtorità intimata fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti li tifforma l-meritu tal-kawza fl-ismijiet “Vella Investments Limited v. Awtorità ghat-Trasport f’Malta” Rik. Nru. 25/10 – Dok. “LA5” a fol. 34 ta’ dak il-process.
[3] Id-Decizjoni ta’ l-Awtorità intimata fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti li tifforma l-meritu ta’ dawn il-proceduri – Dok. “LA1” a fol. 16 ta’ dan il-process.
[4] Sottolinear tat-Tribunal.

bazi ghall-premessa li *kull meta sar l-ezami tal-VRT fuq il-vettura in kwistjoni hija ma rriskontrat ebda tibdiliet li kien jehtieg xi forma ta' bidla fil-klassifikazzjoni ta' l-istess*[5]. In sostenn tal-posizzjoni taghha s-socjetà Rikorrenti ressqet bhala xhud lil John Vassallo, VRT tester maghha, li waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011[6] iddikjara illi *nikkonferma li l-vettura CAG 648 gieli giet taghmel VRT testing l-istation. Qed nigi mistoqsi x'ghandi xi nghid dwar il-fatt li l-Awtorità qed tghid li dan it-trukk gie konvertit f'bowser tal-pitrolju izda dan ma giex rilevat fit-test li ghamilt, nghid li* ***ghalkemm fil-kaxxa tat-trukk kien hemm tank, jien ghalija dan xorta baqa' truck****.* ***Jien ma nafx dan it-tank fil-kaxxa tat-trukk x'kien fih****. Qed nigi mistoqsi jekk kienx fixed jew inkella jistax' jitnehha nghid li ma nafx, però nimmagina li jista' jitnehha.* ***Li rajt jien hu li truck kien ghadu bil-kaxxa u t-tank kien poggut fil-kaxxa***[7]. In kontro-ezami John Vassallo iddikjara li *qed nigi mistoqsi x'nirrapporta jekk l-istation jigi browser,* ***nghid li jekk jigi bowser mahrug bhala tali mill-fabbrika nindikah bhala bowser****. Ma nafx ezatt kemm-il darba din il-vettura giet l-istation ghall-VRT, però giet erba' darbiet zgur. F'dawn l-erba' darbiet it-tank dejjem kien fil-kaxxa tat-trukk. Mill-verifika li jien ghamilt f'dan ir-rigward mal-logbook tal-vettura nghid li jien rajt truck u jien ghaliha dan kien truck.* ***Meta nghid truck infisser vettura li ghandha l-kaxxa****. Qed nigi mistoqsi t-tank kellux affarijiet fis-sens ta' komunikazzjonijiet hergin minnu, nghid li mil-ahhar li rajtu 'l hawn insejt. Bhala kobor nghid li t-tank kien joqghod fil-kazz tat-truck. Ma kienx jisporgi 'l barra mill-kaxxa tat-truck. Nerga' ntenni li kien joqghod fil-kaxxa tat-truck. Waqt it-testijiet fuq din il-vettura s-sid gieli kien joqghod hdejna.* ***Fid-diskors li sar bejni u sid dan it-truck, nghid li huwa qalli li minn dan it-truck kien ibiegh il-pitrolju***[8]. Noel Vella, rapprezentant tas-socjetà Rikorrenti, ikkonferma li gieli marru vetturi simili ghal dik meritu tal-kontestazzjoni u dawn dejjem jigu minnhom ikkunsidrati bhala truckijiet u mhux bhala *bowsers*.

---

[5] Rikors promotur.
[6] Fol. 14 u 15 tal-process relattiv ghall-kawza fl-ismijiet "Vella Investments Limited v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta" Rik. Nru. 25/10.
[7] Sottolinear tat-Tribunal.
[8] Sottolinear tat-Tribunal.

L-Awtorità intimata da parte taghha tikkontendi li ladarba l-vettura mertu tal-kontestazzjoni kienet qed tintuza ghall-garr tal-pitrolju, fattur dan enfasizzat minn sid il-vettura stess li ried li din il-vettura tigi registrata bhala A.D.R. vehicle[9], is-socjetà Rikorrenti kienet fl-obbligu li tirregistra l-bidla fil-kategorija tal-vettura – ossia minn truck ghal bowser – u mhux tghaddi l-istess vettura mill-VRT test u tindikaha bhala *goods carrying vehicle*, kif invece jidher li ghamel it-tester tas-socjetà Rikorrenti[10]. F'dan ir-rigward Lino Abela, rapprezentant ta' l-Awtorità intimata, xehed illi tal-*VRT ghandu formoli apposta, jghidulhom discrepancy forms biex meta huwa josserva xi change in category, jimla l-formola u jgieghel lis-sid jiffirmaha lill-Awtorità biex tigi osservata.* Xehed ukoll illi fil-kaz in ezami l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CAG-684 kienet irregistrata bhala NI vehicle u cioè vettura ghall-garr ta' merkanzija filwaqt li bhala fatt suppost kienet irregistrata bhala A.D.R. vehicle u li mid-diversi VRT tests illi saru qatt ma hareg li din il-vettura kienet bowser ghaliex l-operatur tal-VRT station – ossia s-socjetà Rikorrenti – qatt ma mela u ssottometta *discrepancy form* kif kellha l-obbligu li taghmel.

Ghall-fini li tipprova li l-operaturi ta' VRT stations ghandhom l-obbligu li jimlew *discrepancy forms* f'sitwazzjonijiet u fic-cirkostanzi specifici, l-Awtorità intimata esebiet diversi cirkolari u e-mails indirizzati lill-operaturi ta' VRT stations, fosthom cirkolari datata 3 ta' Mejju 2000 li kienet indirizzata lill-operaturi kollha ta' VRT stations[11] fejn gew infurmati li *the Discrepancy Form has to be completed each and every time that the details on the log book and those of the vehicle do not tally. … In all other instances, the Notification to refuse a VRT certificate should be issued together with the discrepancy form. The VRT (passed test) Certificate will then be issued on presentation of a correct new logbook from Licensing and Testing Department*, u e-mail datata 11 ta' Settembru

---

[9] Xhieda moghtija minn Lino Abela waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2012, fol. 36 sa' 43 tal-process relattiv ghall-kawza fl-ismijiet "Vella Investments Limited v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta" Rik. Nru. 25/10.

[10] *Ibid.*

[11] Dok. "LA11" a fol. 50 tal-process relattiv ghall-kawza fl-ismijiet "Vella Investments Limited v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta" Rik. Nru. 25/10.

2007[12] li biha l-operaturi tal-VRT stations mill-gdid gew infurmati li *all the discrepancy forms should be correctly filled and signed from both sides in the case where one of the following discrepancies is noted: change of engine, change of body type, change in the seating capacity, changes to the vehicle structure and layout, suspected tampering on chassis/engine number, unidentified chassis/engine number by rust, corrosion or any other form of erosion/damage that prevents the proper identification of the chassis/engine number, any other grievous discrepancies, which requires the assistance of the Malta Police – SVS section.*

Jigi osservat li in verità dana l-obbligu jirrizulta wkoll mir-Regolamenti ta’ l-1998 dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw Li Vetturi bil-Mutur Ikunu Tajba Ghat-Triq[13], li huma r-Regolamenti li ghandhom jigu kkunsidrati ghall-fini ta’ din il-kwistjoni partikolari stante li r-Regolament 10 tar-Regolamenti attwalment in vigore dahal fis-sehh b’effett ta’ l-Avviz Legali 90 ta’ l-2010, li jigi wara l-perijodu mertu ta’ dawn il-proceduri li huwa l-perijodu bejn l-2003 u l-2009. F’dawk ir-Regolamenti, senjatament fis-Sitt Skeda li kienet tittratta dwar Kondizzjonijiet ta’ Kuntratt ghal Operaturi taht kuntratt, kien espressament stipulat li l-operaturi ta’ VRT stations *ma ghandhom jirrifjutaw ebda test fuq xi vettura ta’ kull zmien, marka jew tip fi hdan il-klassijiet li ghalihom l-awtorizzazzjoni giet moghtija, barra minn f’dawn ic-cirkostanzi li gejjin:- meta d-dettalji mnizzla fid-dokument tar-registrazzjoni ma jaqblux mad-dettalji korretti tal-vettura …*

Fil-kaz in ezami s-socjetà Rikorrenti mhux qed tikkontesta l-ezistenza *per se* ta’ tali obbligu izda tikkontendi li fil-kaz tal-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni CAG-648 hija ma kellhiex ghalfejn timla’ *discrepancy form* stante li fil-fehma taghha dik il-vettura kienet truck – ossia kif indikata fil-*log book* – u mhux bowser kif pretiz mill-Awtorità intimata. Wara li qies sew ic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz it-Tribunal huwa tal-fehma li l-interpretazzjoni tas-socjetà Rikorrenti

---

[12] Dok. “LA8” a fol. 47 tal-process relattiv ghall-kawza fl-ismijiet “Vella Investments Limited v. Awtorità ghat-Trasport f’Malta” Rikors Nru. 25/10.
[13] Avviz Legali 126 ta’ l-1998.

ta' dak li kellha taghmel jew ma taghmilx fil-kaz in kwistjoni hija kompletament zbaljata u kienet fil-fatt korretta l-Awtorità intimata li rravizat nuqqas da parte tas-socjetà Rikorrenti *qua* operatur ta' stazzjoni tal-VRT tul il-perijodu bejn l-2003 u l-2009 meta l-vettura in kwistjoni ghamlet il-VRT test fl-istazzjoni taghha, u ghaddiet biex timponi n-numru adattat ta' punti ta' penalità u konsegwenti penali amministrattiva.

Fil-fehma tat-Tribunal, indipendentement mill-fatt li l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CAG-648 originarjament kienet truck u t-tank fil-kaxxa gie mizjud minn sid il-vettura maz-zmien, ladarba dik il-vettura bdiet tintuza ghall-bejgh ta' pitrolju u allura fit-tank in kwistjoni sid il-vettura kien jahzen il-pitrolju, l-istess vettura ma setghetx tibqa' titqies bhala semplici truck izda necessarjament kellha tibda titqies bhala bowser li, huwa tip ta' vettura intiz ghall-garr ta' sustanzji perikoluzi u *flammable,* bhalma huwa l-pitrolju. Is-socjetà Rikorrenti ma kellhiex tqis il-vettura in kwistjoni kif setghet harget mill-fabbrika izda kif sidha ipprezentaha fl-istazzjon taghha ghall-fini li jsirilha l-VRT test. Ladarba s-socjetà Rikorrenti, tramite t-tester taghha John Vassallo, kienet taf li sid il-vettura in kwistjoni kien juza l-istess vettura ghall-bejgh ta' pitrolju u li allura fit-tank illi kien hemm immuntat fil-kaxxa tal-vettura necessarjament kien hemm mahzun pitrolju, hija kellha l-obbligu bil-Ligi – kif del resto ripetutament enfasizzat mill-Awtorità intimata b'diversi cirkolari u e-mails matul is-snin – li timla' d-*discrepancy form* appozita u ma tesegwix il-VRT test fuq dik il-vettura bhala truck izda tesegwixxi VRT test biss *una volta* li l-vettura tkun debitament registrata bhala bowser biex b'hekk id-dettalji tar-registrazzjoni tal-vettura jkunu effettivament jaqblu mad-dettalji ta' l-istess vettura kif tkun fiz-zmien tat-test.

Ladarba s-socjetà Rikorrenti ripetutament tul is-snin – senjatament hames darbiet bejn l-2003 u l-2009 – naqset milli tonora dan l-obbligu impost fuqha bil-Ligi, u dana kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti minn Lino Abela[14], l-

[14] Dok. "LA3" a fol. 23 sa' 27 tal-process relattiv ghall-kawza fl-ismijiet "Vella Investments Limited v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta", Rik. Nru. 25/10.

Awtorità intimata, b'mod ghal kollox gust, validu u legali, hadet il-passi amminsitrattivi opportuni fil-konfront taghha u ai termini ta' l-Avviz Legali 43 ta' l-2008 – applikabbli ghall-kaz in ezami – imponiet fuq is-socjetà Rikorrenti 100 punt ta' penalità (20 punt ghal kull darba li sar il-VRT test fuq il-vettura in kwistjoni) skond il-partita 7 tat-Tnax-il Skeda ta' l-imsemmi Avviz Legali, bil-konsegwenti multa amministrattiva ta' €1,100 bir-rata ta' €11 ghal kull punt ta' penalità impost skond ir-Regolament 21(4) ta' l-istess Avviz Legali.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk, it-Tribunal ma jsib ebda raguni in bazi ghal liema ghandu jirrevoka d-Decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti datata 30 ta' Awwissu 2010, ghaliex kif gustament affermat mill-imsemmija Awtorità, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz partikolari d-Decizjoni taghha hija legali, gusta u b'hekk ghandha tigi kkonfermata.

Ghal kull buon fini jigi osservat li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità intimata dwar il-korrezzjoni ta' isimha fl-atti ta' dawn il-proceduri giet sorvolata bid-Digriet moghti fit-3 ta' Mejju 2011 u ghaldaqstant it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik l-eccezzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorità intimata, jilqa' it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet ta' l-Awtorità u jichad l-appell interpost mis-socjetà Rikorrenti mid-Decizjoni ta' l-Awtorità intimata datata 30 ta' Awwissu 2010.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjetà Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------